# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)
# ONOR. IMHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-12 ta' Jannar 2024**

**Rikors Nru : 575/2023 JPG**

**Kawza Nru : 7**

**CM**

**U**

**MA fil-kapacita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti HT**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors kongunt ta' CM u MA fil-kapacita' tieghu bhala mandatarju specjali tal-assenti HT datat 27 ta' Ottubru 2023, vide fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. ***Illi*** *permezz ta' prokura specjali, MA gie mahtur bhala mandatarju specjali tal-assenti HT mill-istess HT li jghix barra minn Malta u ghalhekk ma jistax ikun prezenti ghal dawn il-proceduri (kopja tal-prokura specjali hawn annessa u mmarkata bhala* ***DOKUMENT A****);*

2. ***Illi*** *l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg ta' bejniethom fit-tnax (12) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) (Kopja tac-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala* ***DOKUMENT B****);*

3. *Illi z-zwieg tal-kontendenti konjugi kien regolat bis-separazzjoni tal-beni u mhux bil-komunjoni tal-akkwisti, permezz ta' kuntratt datat l-ghoxrin (20) ta' Awwissu, 2014 fl-atti tan-Nutar Dorianne Arapa (Kopja legali tal-kuntratt hawn anness u mmarkat bhala* ***DOKUMENT C****);*

4. ***Illi** l-kontendenti konjugi jiddikjaraw illi huma ma kellhomx tfal minn dan iz-zwieg;*

5. ***Illi** l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Keith Ryan Calleja fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu, 2023 (Kopja legali tal-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala **DOKUMENT D**);*

6. ***Illi** ai termini ta' klawzola 2 tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi ddekadew mid-dritt rispettiv taghhom illi jitolbu u/jew jircievu l-manteniment minghand xulxin, liema dekadenza hija wahda irrevokabbli u definittiva;*

7. ***Illi** l-partijiet ilhom separati de facto mill-ghaxra (10) ta' Settembru, 2021, u cioe' 'l fuq minn sitt xhur, u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;*

8. ***Illi** ghalhekk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista wkoll tal-fatt illi l-konjugi huma diga' separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, mhuwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;*

9. ***Illi** l-konjugi jixtiequ illi l-kondizzjonijiet u pattijiet kollha miftehma fil-precitat kuntratt jibqghu validi u effettivi fl-intier taghhom;*

10. ***Illi** l-partijiet qablu bejniethom li l-ispejjez tad-divorzju jithallsu mill-esponent Hamad Tahtah;*

***Ghaldaqstant** l-esponenti jitolbu bir-rispett illi, a tenur tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smiegh tal-partijiet kif stipulat fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, u wkoll sabiex tigi stabbilita l-ezistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet kontemplati fl-imsemmi Artikolu 66B:*

i) ***Tordna*** *illi z-zwieg kuntrattat bejniethom fit-tnax (12) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u erbatax (2014) jigi mahlul ai fini u effetti kollha tal-ligi u* ***Tippronunzja*** *d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C, bl-ispejjez kollha jigu sopportati mill-esponent Hamad Tahtah;*

ii) *Konsegwentement,* ***Tordna*** *lir-Registratur tal-Qorti, sabiex, fi zmien iffissat minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CM xehdet** (vide affidavit fol 22) illi l-partijiet izzewgu it-12 ta' Ottubru 2014 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostnet illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Keith Ryan Calleja nhar l-24 ta' Marzu 2023. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**HT xehed** (vide affidavit fol 23)  u kkonferma u kkollabora max-xhieda ta' Mallia.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

*(… omissis)*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Ottubru 2014 liema zwieg jgib certifikat numru 2992/2014 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 9). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Keith Ryan Calleja nhar l-24 ta' Marzu 2023 izda ilhom separati de facto sa mis-sena 2021. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi ferm dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2992/2014 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jithallsu minn HT.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**